**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**

**ILLUM il-Ħamis, 29 ta' Settembru, 2016**

**Kawża Nru 91**

**Rik. Nru. 215/07JRM**

Maria Colette **PISANI**

vs

**NOVALABS LIMITED (C – 22146)** u Dr Victor Scerri u P.L. Victor Buġeja b'degriet tal-15 ta' Frar, 2002, nominati kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lil Godfrey Vella

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fis-27 ta' Frar, 2007, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-attriċi talbet li din il-Qorti (a) ssib li hija għandha sehem ta' nofs mhux maqsum mill-post b'numru disgħa u tletin (39) Triq il-Knisja l-Qadima, s-Siġġiewi; (b) issib li għalhekk is-subbasta numru mija u

sebgħa tal-elfejn u ħamsa (107/05) mitluba mill-kumpannija mħarrka b'eżekuzzjoni ta' sentenza miksuba kontra l-imħarrek l-ieħor Geoffrey Vella għall-bejgħ tal-imsemmi post u kif ukoll l-atti kollha relattivi u konsegwenti għall-imsemmija subbasta ma jiswewx u huma bla effett legali u biex tagħti dawk l-ordnijiet meħtieġa ma' din id-dikjarazzjoni. Talbet ukoll l-ispejjeż, magħduda dawk minnha minfuqa biex ressqet ir-rikors għat-twaqqif tas-subbasta msemmija;

Rat id-degriet tagħha tat-2 ta' Marzu, 2007[1], li bih ordnat in-notifika tal-atti lill-imħarrkin u tat direttivi lill-attriċi għat-tressiq tal-provi min-naħa tagħha;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-kumpannija mħarrka fit-13 ta' Marzu, 2007, li biha u għar-raġunijiet hemm imfissrin, laqgħet għall-azzjoni attriċi billi qalet li l-post li dwaru talbet il-bejgħ b'subbasta jagħmel parti mill-komunjoni tal-akkwisti li kien hemm bejn l-attriċi u l-imħarrek Geoffrey Vella u hekk baqa' minkejja l-kuntratt tal-firda personali bejniethom.  Minbarra dan, id-dejn kanonizzat bis-sentenza mogħtija favuriha kien dejn tal-komunjoni tal-akkwisti għaliex tnissel fiż-żmien li l-attriċi u l-imħarrek Vella kienu għadhom miżżewġin u mhux mifruda legalment.  Żiedet tgħid li l-attriċi kienet taf bir-rabta li żewġha kellu mal-kumpannija li magħha kien jaħdem għaliex hija stess kienet daħlet garanti għalih f'self li l-kumpannija kienet ħadet mingħand bank kummerċjali.  Fuq kollox, l-attriċi ma tistax tressaq l-ilment tagħha biex tħassar is-subbasta b'din il-kawża, ladarba naqset li tagħmel dan fiż-żmien xieraq;

Rat in-Nota mressqa mill-attriċi fis-16 ta' April, 2007[2], flimkien mad-dokumenti mehmużin magħha;

Rat in-Nota mressqa mill-attriċi fil-21 ta' Mejju, 2007[3], bix-xhieda tagħha f'affidavit mehmuż magħha;

Rat id-degriet tagħha tat-23 ta' Mejju, 2007[4], li bih laqgħet talba magħmula mill-attriċi b'rikors tagħha tat-22 ta' Mejju, 2007, biex l-atti tas-Subbasta numru 107/05 jinġiebu quddiem il-Qorti;

Rat in-Nota mressqa mill-attriċi fil-31 ta' Lulju, 2007[5], bix-xhieda f'affidavit u provi dokumentali mehmużin magħha;

[1] Paġ. 29 tal-proċess
[2] Paġġ. 33 – 8 tal-proċess
[3] Paġġ. 40 – 3 tal-proċess
[4] Paġ. 46 tal-proċess
[5] Paġġ. 144 – 158 tal-proċess

Rat id-degriet tagħha tas-7 ta' Awwissu, 2007[6], li bih qiegħdet il-kawża fuq il-Lista tal-Kawżi ta' Qabel is-Smigħ ('*pre-trial*') u ħatret lill-Avukat Maria Dolores Gauċi bħala Assistent Ġudizzjarju biex tmexxi dak l-istadju tal-kawża;

Rat ix-xhieda mismugħa mill-Assistent Ġudizzjarju u l-provi dokumentali mressqin mal-istess xhieda;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fid-29 ta' April, 2009, mill-Kuraturi Deputati maħtura biex jidhru għall-imħarrek Geoffrey Vella li biha laqgħu għall-azzjoni attriċi billi qalu li ma kienu jafu xejn dwar il-każ, u żammew sħaħ il-jeddijiet tagħhom li jressqu eċċezzjonijiet oħrajn aktar 'il quddiem jekk ikun il-każ;

Rat id-degriet tagħha tat-28 ta' Settembru, 2009[7], li bih qiegħdet il-kawża fuq il-Listi tal-Kawżi għas-Smigħ;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-attriċi fit-30 ta' Novembru, 2009[8];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-kumpannija mħarrka fit-13 ta' Jannar, 2010[9], bi tweġiba għal dik magħmula mill-attriċi;

Semgħet it-trattazzjoni ulterjuri tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża u kif ukoll dawk tal-Atti tas-Subbasta Numru 107/05 li nġabu quddiemha;

Rat id-degrieti li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija kawża għat-twaqqif u t-tħassir ta' bejgħ b'irkant ordnat minn Qorti. L-attriċi trid li jinżamm u jitwaqqaf il-bejgħ b'subbasta ta' dar mitlub mill-kumpannija mħarrka b'eżekuzzjoni ta' sentenza li bis-saħħa tagħha hija kienet kanoniżżata kreditriċi tal-imħarrek l-ieħor u baqa' ma ħallashiex. L-attriċi tgħid li d-dejn li kien kanoniżżat ma kienx dejn tal-

[6] Paġ. 190 tal-proċess
[7] Paġ. 287 tal-proċess
[8] Paġġ. 289 sa 298 tal-proċess
[9] Paġġ. 300 – 2 tal-proċess

komunjoni tal-akkwisti u d-dar ma kenitx kollha tad-debitur żewġha, imma nofsha kienet tagħha għaliex id-dar inkisbet matul iż-żwieġ. Trid għalhekk li l-Qorti ssib li hija sidt nofs id-dar u li jitwaqqaf il-bejgħ mitlub mill-kumpannija kreditriċi;

Illi għal din l-azzjoni l-kumpannija mħarrka (minn issa 'l hemm imsejħa "Novalabs") laqgħet billi qalet li l-post li dwaru talbet il-bejgħ b'subbasta jagħmel parti mill-komunjoni tal-akkwisti li kien hemm bejn l-attriċi u l-imħarrek Geoffrey Vella u hekk baqa' minkejja l-kuntratt tal-firda personali ta' bejniethom. Minbarra dan, id-dejn kanonizżat bis-sentenza mogħtija favuriha kien dejn tal-komunjoni tal-akkwisti għaliex tnissel fiż-żmien li l-attriċi u l-imħarrek Vella kienu għadhom miżżewġin u mhux mifruda legalment. Żiedet tgħid li l-attriċi kienet taf bir-rabta li żewġha kellu mal-kumpannija li magħha kien jaħdem għaliex hija stess kienet daħlet garanti għalih f'self li l-kumpannija kienet ħadet mingħand bank kummerċjali. Fuq kollox, l-attriċi ma tistax tressaq l-ilment tagħha biex tħassar is-subbasta b'din il-kawża, ladarba naqset li tagħmel dan fiż-żmien xieraq;

Illi għal dak li jirrigwarda l-fatti rilevanti li joħorġu mill-atti tal-kawża jirriżulta li fil-11 ta' Awwissu, 1990 l-attriċi żżewġet lill-imħarrek Geoffrey Vella. L-imħarrek Vella xtara l-fond 39 u 40 (qabel numru 36), Triq il-Knisja l-Qadima, Siġġiewi, b'kuntratt pubbliku tal-1 ta' Marzu, 1993, fl-atti tan-Nutar Anthony Grech Trapani[10], u dan taħt il-patti u l-kundizzjonijiet hemm imsemmija u bil-pertinenzi kollha tiegħu. Il-post kien jintuża mill-attriċi u mill-imħarrek Vella bħala d-dar taż-żwieġ tagħhom;

Illi l-imħarrek Vella daħal jaħdem ma' Novalabs għal żmien indefinit bħala '*sales director*' b'seħħ mit-2 ta' Jannar 1998, u wara xi żmien, kiseb sehem ta' wieħed minn ħamsa ($^{1}/_{5}$) tal-ishma tal-istess kumpannija[11]. Fl-14 ta' Jannar, 1998[12], martu l-attriċi daħlet garanti miegħu għas-somma ta' ħamsin elf lira Maltin (LM50,000) għal faċilita' ta' *overdraft* li Novalabs kienet ħadet mingħand bank kummerċjali[13];

Illi l-attriċi u l-imħarrek Vella nfirdu permezz ta' kuntratt ta' firda personali bonarja tat-30 ta' Settembru, 1999[14], fl-atti tan-Nutar Anthony Grech Trapani, u xoljew il-komunjoni tal-akkwisti, iżda l-post 39, Triq il-Knisja l-Qadima, fis-Siġġiewi ħallewh in komun bejniethom sakemm isibu l-bejgħ tiegħu. Permezz tal-istess kuntratt, l-imħarrek Vella assenja lil martu l-

[10] Dok "D", f'paġġ. 18 – 23 tal-proċess
[11] Xhieda ta' Saviour Sciberras f'paġ. 225 tal-proċess
[12] Dok "DG3", f'paġġ. 264 – 5 tal-proċess
[13] Dokti "SS" u "RF", f'paġġ. 232 – 3 u 255 – 7 tal-proċess
[14] Dok "Ċ", f'paġġ. 13 – 7 tal-proċess

attriċi għaxra fil-mija (10%) tal-ishma tal-klassi "B" li huwa kien kiseb f'Novalabs flimkien mal-jedd li tirċievi d-*dividends* fuqhom;

Illi l-imħarrek temm l-impieg tiegħu minn ma' Novalabs fl-14 ta' Diċembru 2001;

Illi wara li Novalabs fetħet kawża kontra l-imħarrek Vella fl-20 ta' Diċembru 2001, b'sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-13 ta' Ġunju, 2005[15], hu ġie kundannat iħallasha sebgħa u għoxrin elf tmien mija u erbgħa u ħamsin Liri Maltin (LM27,854) bħala danni talli qabad u temm il-kuntratt tal-impieg tiegħu bla ma ta avviż ta' sitt xhur kif stipulat fil-kuntratt tal-ingaġġ. L-imsemmija sentenza saret ġudikat;

Illi Novalabs nediet proċedura biex teżegwixxi l-imsemmija sentenza, fis-27 ta' Ottubru, 2005, billi ressqet rikors quddiem din il-Qorti, li bih talbet il-bejgħ bis-subbasta tal-imsemmi fond, wara li ippremettiet li huwa proprjeta` esklussiva tal-imħarrek debitur tagħha Vella[16];

Illi din il-Qorti (diversament presjeduta), fuq talba tal-attriċi b'rikors tal-15 ta' Ġunju, 2006, biex titwaqqaf is-subbasta[17], b'digriet tal-20 ta' Frar, 2007[18], ordnatilha sabiex, jekk jidhrilha, tipproċedi skond il-liġi u għalhekk hija fetħet din il-kawża fis-27 ta' Frar 2007. B'degriet mogħti fis-6 ta' Marzu, 2007[19], il-Qorti qatgħetha li tissospendi s-subbasta sakemm tinqata' din il-kawża;

Illi għal dak li jirrigwarda l-<u>konsiderazzjonijiet ta' natura legali</u> marbutin mal-każ, xieraq jingħad li bl-azzjoni tagħha l-attriċi timmira li tikseb żewġ riżultati. Fl-ewwel lok, trid li l-Qorti ssib li hija għandha sehem ta' nofs mid-dar li Novalabs talbet li tinbiegħ b'subbasta; fit-tieni lok, trid li s-subbasta ma tiswiex u hija mingħajr ebda effett legali. Il-Qorti sejra tqis iż-żewġ aspetti f'dik l-ordni;

Illi dwar jekk huwiex minnu li l-attriċi għandha sehem mid-dar li Novalabs trid il-bejgħ tagħha b'subbasta, jirriżulta b'mod ċar mill-provi mressqa li l-post f'39, Triq il-Knisja l-Qadima, fis-Siġġiewi, inxtara waqt iż-żwieġ u li kienet tappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti, anke jekk fuq il-kuntratt tal-akkwist deher żewġha l-imħarrek Geoffrey Vella waħdu bħala kap tal-komunjoni tal-akkwisti kif kien isir qabel l-1 ta' Diċembru 1993 meta daħlu fis-seħħ l-emendi miġjuba bl-Att XXI tal-1993. Fil-kuntratt tal-firda

[15] Dok "B", f'paġġ. 7 – 12 tal-proċess
[16] Dok "A", f'paġġ. 5 – 6 tal-proċess
[17] Dok "E", f'paġ. 25 tal-proċess
[18] Dok "Ġ", f'paġ. 28 tal-proċess
[19] Dok "J", f'paġ. 38 tal-proċess

personali dan il-fatt ġie rikonoxxut u fil-fatt din il-proprjeta` baqgħet indiviża bejn il-miżżewġin Vella. Dan il-fatt Novalabs tagħrfu wkoll, meta fit-Tweġiba Maħlufa[20] tagħha u kif ukoll waqt is-smiegħ tal-kawża taċċetta li l-post kien ġid tal-komunjoni tal-akkwisti li l-miżżewġin Vella kellhom bejniethom sakemm infirdu[21]. Għalhekk ma hemm l-ebda xkiel jew kontestazzjoni biex tintlaqa' l-ewwel talba tal-attriċi;

Illi għal dak li jirrigwarda s-siwi tal-atti tas-subbasta wieħed irid jara jekk il-fatt li l-attriċi għandha sehem mid-dar li Novalabs talbet il-bejgħ tagħha jwaqqax l-atti tal-istess subbasta;

Illi bħala punt ta' tluq jrid jingħad li ġaladarba tintlaqa' l-ewwel talba, għandha tintlaqa' wkoll it-tieni talba li mhix għajr korollarju tal-ewwel waħda. Ġaladarba l-attriċi tiġi ddikjarata li għandha nofs mhux maqsum mill-post, jirriżulta li l-proprjeta` in kwistjoni mhix proprjeta` esklussiva ta' l-imħarrek Vella. Novalabs tista' teżegwixxi s-sentenza biss fuq ħwejjeġ id-debitur kanoniżżat tagħha, jiġifieri l-imħarrek Geoffrey Vella u mhux ukoll fuq ħwejjeġ l-attriċi. L-imħarrek Vella waħdu ġie dikjarat li huwa d-debitur tagħha skond l-imsemmija sentenza u għaldaqstant l-effetti tagħha bħala titlu eżekuttiv jestendu biss fil-konfront tiegħu. Għall-attriċi, din is-sentenza ma tagħmilx stat u m'għandhiex effett kontriha[22]. Għaliha hija *res inter alios acta.* Għalhekk subbasta, li mhix għajr l-eżekuzzjoni ta' titlu eżekuttiv, tista' tespleta l-effetti tagħha fuq il-ġid tal-persuna ddikjarata debitur skond is-sentenza (li hija t-titolu eżekuttiv li bis-saħħa tiegħu intalab il-bejgħ b'irkant ġudizzjarju), u ta' ħadd iktar;

Illi dan ma jfissirx li l-atti kollha tas-subbasta ma jiswewx. L-attriċi tgħid li Novalabs sejset it-talba tagħha biex tibda l-proċess tal-bejgħ fuq asserzjoni "żbaljata u inkorretta" li l-post hu tal-imħarrek Geoffrey Vella waħdu. Qari xieraq tar-rikors promotur li bih Novalabs talbet il-bejgħ b'subbasta tal-post imsemmi juri li mkien ma ngħad li Geoffrey Vella kien is-sid waħdien tal-imsemmi post. Il-kliem li hemm fit-tieni paragrafu tar-rikors ta' Novalabs hu: "*Illi d-debitur Geoffrey Vella hu proprjetarju tal-fond 39, Triq il-Knisja l-Qadima Siġġiewi*". Dik id-dikjarazzjoni mhijiex u la żbaljata u lanqas qarrieqa, għaliex l-imħarrek Vella kien tabilħaqq il-komproprjetarju (fis-sehem ta' nofs mhux maqsum) tal-post flimkien mal-attriċi;

Illi l-fatt li ġid li jitqiegħed f'subbasta ma jkunx il-ġid esklussiv tad-debitur subbastat ma jġibx li ma jiswiex il-proċess tal-bejgħ b'irkant[23]. Dan

---

[20] Paġ. 31 tal-proċess
[21] Nota ta' Sottomissjonijiet tagħha f'paġ. 300 tal-proċess
[22] Art. 237 tal-Kap 12
[23] P.A. MCH **8.4.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Marija Cassar vs Anna Cassar et*** (mhix appellata)

jgħodd ukoll fejn il-ġid ikun jagħmel mill-komunjoni tal-akkwisti ta' wieħed mid-debituri eżekutati u li jkunu nfirdu legalment[24]. Il-proċess tas-subbasta (li għandu min-natura ta' att eżekuttiv) jibqa' jgħodd safejn jirrigwarda l-ġid tal-persuna kanonizzata bħala debitriċi bis-saħħa ta' titolu eżekuttiv li jkun fis-seħħ;

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti tasal għall-fehma li t-tieni talba attriċi għandha tintlaqa' biss limitatament. Għalhekk, safejn l-attriċi targumenta li l-fatt li hija għandha sehem mill-post iwaqqa' s-siwi tal-proċess kollu tas-subbasta mitluba minn Novalabs, ma jidhirx li huwa argument mistħoqq fil-liġi;

Illi, madankollu, Novalabs tipprova tqajjem l-argument li l-kreditu kanonizzat li hija kisbet kontra l-imħarrek Vella bis-saħħa tas-sentenza jorbot il-post kollu kemm hu għaliex kien post li jagħmel mill-komunjoni tal-akkwisti u l-miżżewġin Vella ma kinux illikwidawh u żammewh bejniethom meta resqu għall-kuntratt tal-firda personali;

Illi l-Qorti ma tistax taqbel ma' dak l-argument jew li b'dak l-argument isir tiġbid b'mod li t-titolu eżekuttiv (jiġifieri s-sentenza miksuba kontra l-imħarrek Vella) jiġi jorbot ukoll sehem l-attriċi mill-post subbastand;

Illi Novalabs teċepixxi li l-kuntratt tal-impjieg tar-raġel sar fiż-żmien meta kienet għadha trieġi l-komunjoni tal-akkwisti bejnu u l-attriċi u għalhekk il-ksur tiegħu jikkostitwixxi "dejn kontrattat waqt il-kors taż-żwieġ tal-attriċi"; jgħabbi lill-istess komunjoni tal-akkwisti u l-proprjeta` li qabel kienet tappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti. Il-Qorti ma taqbilx. Filwaqt li huwa minnu li l-kuntratt ta' mpjieg – u allura l-pattijiet ikkuntrattati permezz tiegħu – sar waqt li kienet fis-seħħ il-komunjoni tal-akkwisti, dawn l-obbligazzjonijiet ma kinux, sakemm baqgħet fis-seħħ dik il-komunjoni, "dejn jew indennizz dovut bħala rimedju ċivili" li jagħmlu tajjeb għalihom il-beni tal-istess komunjoni, kif irid l-artikolu 1327(f) tal-Kodiċi Ċivili. Il-kundizzjoni kuntrattwali li l-imħarrek Geoffrey Vella jagħti pre-avviż ta' sitt xhur ikkonverta ruħu f' "*dejn*" u tat lok għal "*indennizz*" meta nkisret u mhux meta ġiet ikkuntrattata. Il-ksur sar wara li l-komunjoni tal-akkwisti ġiet xolta. Kien ikun differenti l-każ kieku l-ksur sar waqt li kienet għadha fis-seħħ il-komunjoni;

Illi fin-nota ta' sottomissjonijiet responsiva tagħha[25] Novalabs targumenta li, meta fetħet il-kawża kontra r-raġel (l-imħarrek Vella), ma kellhiex għalfejn tħarrek lill-mara (l-attriċi Pisani) wkoll billi l-mertu kien

---

[24] P.A. AE **25.2.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Cutajar et vs Paul Micallef*** (mhix appellata)
[25] Par 8 f'paġ 301 tal-proċess

jikkonċerna l-impjieg tiegħu u materji relatati mal-impjieg, skond l-artiklu 1322 tal-Kodiċi Ċivili, ma jinħtiġux l-intervent ta' martu. Dan huwa minnu. U li kieku l-kawża saret qabel il-kuntatt ta' separazzjoni, l-eżekuzzjoni kienet tista' ssir fuq il-fond subbastand. Imma l-kawża saret wara li ġiet xolta l-komunjoni tal-akkwisti u dwar għemil li twettaq mas-sentejn wara li l-miżżewġin Vella kienu nfirdu legalment. Għaldaqstant, filwaqt li l-kawża setgħet issir kontra r-raġel biss – u anzi ma setgħetx tiġi nvoluta l-mara għax lanqas hija leġittimu kontradittur fir-rigward – l-effetti tagħha jiskattaw kontra l-ġid tar-raġel biss u mhux ukoll kontra dak ta' martu l-attriċi;

Illi hija irrilevanti għal kollox għall-każ tal-lum iċ-ċirkostanza li Novalabs tisħaq fuqha dwar il-garanzija bankarja li l-attriċi għamlet flimkien ma' żewġha waqt iż-żwieġ favur is-soċjeta` mħarrka. Lanqas ma jiswa, għall-finijiet tal-kawża tallum li l-imħarrek Vella assenja nofs l-ishma tiegħu f'Novalabs lill-attriċi fil-kuntratt tal-firda personali;

Illi fil-ħames eċċezzjoni tagħha Novalabs tgħid li l-attriċi ma setgħetx tressaq it-talbiet tagħha f'din il-kawża, għaliex kellha tagħmilhom fl-istadju opportun. Novalabs baqgħet ma qalitx x'inhuwa n-nuqqas li qed tallega li sar min-naħa tal-attriċi. L-unika riferenza li tagħmel hija fin-nota ta' sottomissjonijiet responsiva, b'riferenza għall-artikolu 1326 tal-Kodiċi Ċivili li m'għandux x'jaqsam mal-fattispeċje ta' dan il-każ. Ġaladarba n-nuqqas qed tallegah Novalabs, kienet hija li kellha l-piż li tippruvah. Apparti li din l-eċċezzjoni hija sostnuta b'riferenza għal ġurisprudenza li tirrigwarda fattispeċje għal kollox differenti minn dawk tal-każ preżenti, f'dan il-każ ma jirriżultax li l-attriċi ma ħaditx f'waqthom il-passi legali biex tħares il-jeddijiet tagħha. In partikolari ma jirriżultax li ma pproċedietx skond kif jitlob li jsir l-Artiklu 326 tal-Kap 12 minn terza persuna li titlob is-sospensjoni ta' subbasta. Mill-provi joħroġ ċar li l-attriċi tabilħaqq nediet il-proċeduri li dehrilha kienu f'waqthom biex tipprova twaqqaf il-mixi 'l quddiem tal-proċess tas-subbasta. Kellha tiftaħ din il-kawża għaliex il-provvediment li ngħata mill-Qorti li quddiemha tressqu l-atti tas-subbasta ordnat lill-attriċi li tirregola ruħha bil-ftuħ ta' kawża;

Illi għalhekk, il-Qorti ma ssibx li l-eċċezzjonijiet fil-mertu mqajmin minn Novalabs huma mistħoqqa safejn jirrigwardaw l-interessi li l-attriċi għandha fuq il-post subbastand;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

Tilqa' l-ewwel talba attriċi u ssib li l-attriċi hija sidt is-sehem ta' nofs ($^1/_2$) mhux maqsum tal-post bin-numru disgħa u tletin (39) u erbgħin (40) (li qabel kellu n-numru 36) fi Triq il-Knisja l-Qadima, fis-Siġġiewi;

Tilqa' limitatament it-tieni talba attriċi u dan safejn il-bejgħ bis-subbasta tal-imsemmi post fl-Atti tas-Subbasta numru mija u sebgħa tal-elfejn u ħamsa (107/2005) jirreferu għas-sehem tal-attriċi mill-imsemmi post, imma tiċħadha safejn l-istess Atti jirrigwardaw is-sehem tal-imħarrek Geoffrey Vella mill-istess post;

Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-kumpannija mħarrka safejn inkompatibbli ma' dak hawn deċiż; u

Tordna li l-imħarrkin iħallsu l-ispejjeż tal-kawża.

Moqrija

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**29 ta' Settembru, 2016**

**Carmen Scicluna**
**Deputat Reġistratur**

**29 ta' Settembru, 2016**